



# Il-Gżejjer Maltin; il-Gżejjer ta' Santa Marija

Fr Geoffrey George Attard

Fost il-ħafna titli mogħtija lill-gżejjer Maltin, nistgħu ngħidu li hemm dawk tal-gżejjer tal-Madonna. Jingħad li Malta għandha 365 knisja, jiġifieri madwar knisja għal kull ġurnata, u f'Għawdex, is-santwarju tal-Madonna ta' Pinu għamel minn Għawdex tassew 'il-gżira tal-Madonna'. Anke f'Malta, is-santwarji Marjani ma jonqsux u fost l-ewlenin irridu nsemmu s-Santwarju tal-Madonna tal-Mellieħa u anke dak tal-Madonna tal-Grazzji f'Ħaż-Żabbar. Nistgħu nsemmu wkoll is-Santwarju ta' Santa Marija tal-Għar, fir-Rabat ta' Malta. Hemm bosta oħrajn li mhux possibli nsemmuhom kollha. F'Għawdex, ħames parroċċi huma ddedikati lill-Madonna, fosthom il-Knisja Katidrali.

## Oriġini ta' qima Marjana

It-tradizzjoni tgħid li l-Knisja Katidrali tal-Imdina kienet fil-qedem iddedikata lill-Assunzjoni jew Tlugħ fis-sema tal-Verġni Marija. Tajjeb ngħidu li dan it-titlu Marjan huwa l-iktar popolari fost it-titli kollha Marjani. Huwa wkoll biex ngħidu hekk l-aktar titlu Marjan Malti fis-sens li l-Assunta hija l-Patruna ewlenija, flimkien ma' San Pawl, tal-gżejjer Maltin. Kien l-Isqof Publiju Marija Sant li fl-1848, sitt snin qabel ma ġiet imxandra d-domma tal-Immakulata Kunċizzjoni, ħatar lill-Assunta jew 'Santa Marija' kif insejħulha fit-tradizzjoni popolari, bħala l-Patruna straordinarja tal-gżejjer Maltin. Dan għamlu fid-dawl ta' qima bla ma taqta' lejn il-Verġni Marija. Mhux faċli tgħid kif u meta bdiet il-qima lejn il-Madonna fil-gżejjer tagħna. Kien fis-seklu IV li f'Ruma nibtet din il-qima li dehret fil-bini ta' knejjes bħal Santa Maria in Trastevere kif ukoll Santa Maria Maggiore. F'pajjiżna, l-Imdina kienet il-belt il-qadima u kien hawnhekk li nbena l-katidral li biċċa minnu għadha wieqfa minn żmien in-Normanni. F'Għawdex, il-Knisja msejħa l-Matriċi kienet it-tempju ewlieni fil-kastell il-qadim tal-belt il-qadima t'Għawdex u mhux magħruf f'liema żmien din il-knisja ġiet iddedikata lill-Assunta. Ta' min jgħid li l-qima lejn it-Tlugħ fis-sema ta' Marija fil-Punent ingħata spinta mill-Papa Serġju I; fil-Knejjes tal-Lvant, l-isem għal din il-qima kien dak tad-Dormizzjoni jiġifieri tar-Raqda tal-Madonna.

## Sinjali oħra ta' qima

Jeżistu diversi sinjali oħra ta' qima antika lejn il-Madonna fil-gżejjer tagħna. Irrid insemmi żewġ knejjes antiki medjevali; dawn huma Santa Marija ta' Bir-Miftuħ u l-Lunzjata ta' Ħal-Millieri. Il-Knisja ta' Bir-Miftuħ hija waħda mill-eqdem knejjes ta' Malta u fil-qedem kienet il-parroċċa li kienet tkopri l-parti tax-xlokk ta' Malta; hija wkoll waħda mill-matriċijiet ewlenin tad-djoċesi Maltija flimkien mal-Katidral fl-Imdina, Santa Marija ta' Birkirkara, il-Vitorja tan-Naxxar u San Ġorġ ta' Ħal-Qormi. L-arkitettura tagħha tixkef il-qedem venerabbli tagħha u ħitanha kienu wesgħin sabiex isservi wkoll bħala fortifikazzjoni,



*L-istatwa antika tal-Madonna tar-Rużarju fil-Bażilika tal-Mosta*

l-istess kif kienet mibnija l-Knisja l-qadima ta' San Girgor fiż-Żejtun. Il-knisja l-oħra qadima tal-medjuevu reliġjuż Malti hija dik tal-Lunzjata ta' Ħal Millieri. F'din il-knisja nsibu wkoll affreski mal-ħitan li huma xhieda tal-qedem glorjuż tagħha; din tinsab fil-limiti taż-Żurrieq. Jidher li fil-parti tan-nofsinhar ta' Malta, kien hemm ċentru ta' qima b'għeruq fil-Knisja tal-Orjent, dik li llum tissejjaħ il-Knisja jew Knejjes Ortodossi. F'dak iż-żmien kienet tissejjaħ il-Knisja Biżantina; kienet knisja li tippromwovi qima lejn il-Madonna taħt diversi titli, lejn San Mikiel Arkanġlu u lejn qaddisin oħrajn – uħud militari – meqjuma ħafna u sa mill-qedem fil-Knisja ta' Kostantinopli.

## Il-Lunzjata

Fil-lingwaġġ reliġjuż ta' pajjiżna, aħna drajna nirreferu għall-ġrajja u s-solennità tat-Tħabbira jew Annunzjazzjoni tal-Anġlu lil Marija bħala sempliċiment 'il-Lunzjata'. Jekk fil-lingwa mitkellma, terminu jaqbad, dan diffiċli biex jitwarrab jew jintesa. Hekk anke llum – mhux biss fil-lingwaġġ popolari – imma wkoll fuq fomm il-poplu, is-solennità tal-25 ta' Marzu hija msejħa l-Lunzjata. Il-fatt li l-Knisja ta' Ħal Millieri hija meqjuma taħt dan it-titlu Marjan ifisser li dan huwa wieħed mill-eqdem titli Marjani fil-Knisja ta' Malta. Mhux ta' b'xejn li llum għandha fl-arċidjoċesi Maltija mill-inqas żewġ parroċċi ddedikati lit-Tħabbira lill-Madonna. Fit-teoloġija Nisranija, it-tifkira solenni tal-Annunzjazzjoni tfakkarna f'dik l-iva ta' Marija li għamlet possibbli l-ewwel l-Inkarnazzjoni u mbagħad is-salvazzjoni. Għaldaqstant, bir-raġun kollu li din hija solennità ta' sinifikat kbir ferm. It-talba tal-Anġelus hija marbuta intimament ma' din il-ġrajja.

## Konklużjoni

Il-qima tan-Nisrani lejn Marija trid twassal għand Kristu. Għalhekk il-Griegi, lil Marija, isejħulha Hodegetria li tfisser, dik li turi 'it-triq'. U liema triq hija din jekk mhux dik li twassal għand Kristu? Marija ma tridx li nieqfu magħha; għall-kuntrarju trid li aħna naslu fid-destinazzjoni vera tagħna li hija Ġesù Kristu. Għalhekk, fl-ikonografija Marjana diffiċli ferm issib xbieha ta' Marija li ma jkollhiex lil Ġesù magħha. Anke fl-Oċċident, nibet il-qawl, x'aktarx ta' San Bernard, *ad Jesum per Mariam* – immorru għand Ġesù permezz ta' Marija.

Xi triq aħjar jista' jkun hemm minn din? Marija, l-Immakulata, l-Annunzjata, l-Addolorata, l-Assunta hija l-Kewkba ta' filgħodu li turina t-triq; jalla aħna u nfittxuha naslu għandu, Hu li Hu 'sinjal li jmeruħ' imma li minħabba fih għad 'jinkixfu l-ħsibijiet moħbija fil-qlub ta' ħafna." (Lq 2 : 35).


Mario & Lino
Funeral Directors
Tel: 2143 3096 - Tel: 2145 1002
Mob: 9949 4893 - 9901 5393 - 9949 2918

JOSIE SILENCERS
SOLE AGENT AND DISTRIBUTORS
JOS. F. SANT
9, Triq in-Naqqax, Mosta MST 1673
**Tel:** (356) 2143 4910 - **Tel/Fax:** (356) 2141 2948
**Mob:** 9947 0323
**Email:** joesil@maltanet.net
ECU Tuning and Re Mapping